**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Marzu, 2019**

**Rikors nru: 35/18 AGV**

ABC
Vs
DC

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrentipprezentat fit-23 ta' Jannar, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu fid-9 ta' Awissu, 1986 (Ara Dok. A anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt ulied, E mwielda fis-27 ta' Ottubru, 1988 u F mwielda fit-2 ta' Frar, 1995, illum it-tnejn maggorenni.
2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Malcolm Mangion mit-28 ta' April, 2014 (Ara Dok.B anness).
3. Illi skond l-istess kuntratt tas-separazzjoni personali (Ara Dok.B), klawsola 2) l-ebda manteniment m'hu dovut fir-rispett tal-konjugi stante li l-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt taghhom li jircievu manteniment minghand xulxin.

4. Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn erbgha (4) snin mifrudin illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.
5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

   Ghaldaqstant umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1.Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-Risposta tal-intimata li eccepiet:-

1. Illi preliminarjament l-eccipjenti tecepixxi li mar-rikors guramentat promotur ma gietxipprezentata n-nota stipulata fl-Artikolu 66H (1) tal-Kaptiolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. Illi preliminarjament ukoll, l-eccipjenti tecepixxi li ma jezistux ir-rekwiziti stabbiliti mil-ligi sabiex tigi ppronunzjata l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet permezz ta’divorzju u dan kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat ix-xhieda ta’ FB, bint il-partijiet, li spjegat li kienet twieldet fit-2 ta’ Frar tas-sena 1995 u f’Mejju, 2018 kellha 23 sena. Tikkonferma li fit-2 ta’ Frar, 2013 kellha 18-il sena u f’dak iz-zmien kienet tahdem Karen Grech, izda ma kinitx tistudja. Kienet hadet *gap year* wara li kienet attendiet il-Junior College peress li kienet wehlet mill-ezamijiet. Kienet attendiet ghall-ewwel darba l-Higher Secondary u dak iz-zmien kellha 19-il sena. Tghid li meta kellha 21-il sena kienet ghamlet sena Karen Grech tahdem u tistudja part time u kienet tmur ghall-privat tal-Ingliz u Malti, sakemm imbaghad attendiet il-Higher Secondary tan-Naxxar, ghat-tieni darba u f’dak iz-zmien kellha 22 sena, fejn studjajt l-Ingliz, il-Malti u l-Biology. Ix-xhud tghid li qatt ma fittxet lill-missierha ghall-

manteniment ghaliex kellha aktar affarijiet important f'hajjitha u kienet taf li xorta ma kienx ser ighaddilha l-manteniment. Tistqarr fil-fatt li kienet harget tahdem biex tghin lil ommha finanzjarament.

Rat ix-xhieda tar-rikorrent li jikkonferma li kien izzewweg lill-intimata fid-9 ta' Awwissu 1986 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal E u F, lkoll maggorenni. Ighid kif fit-28 ta' April, 2014 kienu sseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Malcolm Mangion fit-28 ta' April, 2014, minkejja li kienu ilhom *de facto* separati mit-22 ta' Dicembru, 2002. Jispjega kif skond klawsola 2 tal-kuntratt ta' separazzjoni kien hemm stipulat illi kienu rrinujnzjaw ghad-dritt taghhom li jircievi manteniment minghand xulxin. Ighid ukoll illi ma kien hemm l-ebda manteniment dovut ghal uliedu peress li dawn kienu maggorenni. Jikkonferma ukoll li ma kienux jezistu ebda pendenzi ta' arretrati ta' manteniment.

Ir-rikorrent jistqarr li peress li ilu sseparat minn ma' martu, ma kellu l-ebda intenzjoni li jirrikoncilja maghha u dan aktar u aktar meta llum it-tnejn ghandhom hajjithom. Ix-xhud ikkonferma li kien ta x-xhieda tieghu permezz tal-affidavit peress li ighix l-Albanija.

Rat il-verbal datat 28 ta' Novembru, 2018, fejn il-konvenuta, minghajr pregudizzju, tablet lill-Qorti li, fl-eventwalita' li jinghata d-divorzju, tirreverti ghal kunjom xbubitha G.

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

**Ikkunsidrat;**

Il-Qorti rat li r-rikorrent irnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruva illi l-partijiet ilhom sseparati *de facto* ghal aktar minn erba' snin u kienu ukoll isseparaw legalment skond kuntratt datat 12 ta' Frar, 2015 fl-atti tan-Nutar Dr.John Gambin. Jikkonferma ukoll li

dejjem hallas l-manteniment dovut skond il-kuntratt ta' separazzjoni. L-intimata min-naha taghha tghid li ghad ghandha bilanc ta' manteniment dovut lilha ghat-tifla meta kienet ghadha minorenni ghal perjodu partikolari, kif xehdet quddiem din il-Qorti. Ebda prova ma giet prodotta in sostenn ta' din l-eccezzjoni. Huwa pacifiku fid-duttrina tal-qrati taghna li l-manteniment ghat-tfal jinkludi l-ispejjez ta' sahha w edukazzjoni, izda ma gie prodott ebda document li juri li kien ghad hemm pendenza dovuta mir-rikorrenti. Inoltre, biex tirnexxi din l-eccezzjoni taghha, l-intimata kellha wkoll turi lill-Qorti li ser tkun aktar difficli ghaliha li tirkupra tali dejn dovut lilha, haga li ma saretx.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
2. Tawtorizza lill-intimata tirreverti ghal kunjom xbubitha, G.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef**
**Onor. Imhallef Anthony Vella**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**